TRIBUNAL GHAL TALBIĖT TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 18/13 (JE).

John Galdes

vs

Nicholas Gatt illi jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem NG Racing.

Illum, 17 ta' Ġunju 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' talba tal-attur tat-18 ta' Jannar 2013 fejn stqarr illi huwa kien xtara żewġ tankijiet tal-petrol għall-mutur illi suppost kellhom jiffitjaw. Madankollu, il-mekkanik qallu illi ma jiffitjawx u għalhekk, ħadhom lura għand il-bejjiegħ imma l-konvenut m'aċċettahomx peress illi kien diġa ħariġlu l-irċevuta fiskali.

Ra r-risposta tal-konvenut illi stqarr illi kien lesta lill-attur żewġ tankijiet tal-petrol tal-Mini għalkemm ma kienux eżatt bħal tal-attur illi kien talbu l-irċevuta fiskali wara illi kien tah skont. Xi ġimgħa wara, l-attur talab il-flus lura.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-partijiet taw verżjoni kemmxejn differenti ta' dak illi effettivament ġara. Madankollu, x'ħin iqis kollox, it-Tribunal jidhirlu illi l-verżjoni ta l-attur hija aktar kredibbli u għandha tiġi emnuta. It-Tribunal l-anqas jifhem għala l-konvenut stqarr illi flus ma setax jagħti lura lill-attur għaliex kien ħareġ irċevuta fuq insistenza tal-attur. L-obbligu ta' l-irċevuta fiskali joħroġ mil-liġi u bl-ebda mod ma jista' l-attur jagħti xi trattament differenti lill-konsumatur minħabba illi jkun ħareġ irċevuta fiskali.

Illi jidher ċar illi t-tankijiet illi nbiegħu lill-attur ma kienux idoneji għall-ħtiġijiet tal-attur u għaldaqstant, ma kienux tal-kwalità pattwita. Illi fejn bejgħ ma jkunx tal-kwalità pattwita, l-artiklu 1390 tal-Kap. 16 japplika. Dan l-artiklu jgħid :

> Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

Illi f'dan il-każ, l-attur qiegħed jagħżel li jirrifjuta l-oġġett mibjugħ u jieħu lura l-flus li ħallas li ovvjament jikkostitwixxu d-danni li soffra. Illi l-anqas m'hemm kontestazzjoni illi dawn it-tankijiet kienu swew ħamsin euro (€ 50).

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attur u jordna lill-konvenut jirrifondi l-imsemmija somma ta' € 50 wara illi l-attur ikun irritorna t-tankijiet in kwistjoni.

Bl-imgħax mid-data tan-notifika ta' l-avviż ta' talba sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.